MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 293/2006

**Ballut Blocks Services Ltd (C 8360)**

**Vs**

**Galaxy Holiday Resorts Limited (C 311)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-gahliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, erbgha u sebghin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm2,074.50) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut f'tas-Sliema.

Bl-imghax legali mit-30 ta' Marzu 2005 sal-jum ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 15 ta' Gunju 2006 kif ukoll dak relattivi ghall-mandat ta' sekwestru prezentat mal-avviz kontra s-

socjeta' konvenuta rapprezentanti ta' liema gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 8 tal-istess atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Preliminarjament, illi l-azzjoni kontriha hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. Illi, minghajr pregudizzjoni ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kumpannija eccipjenti m'ghandha taghti xejn lill-kumpanija attrici;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazjoni u rat in-nota ta' referenzi sottomessa mis-socjeta' attrici, dwar l-eccezzjoni preliminari in esami.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta u sottomessa, is-socjeta' attrici pproduciet diversi provi kemm orali kemm permezz ta' dokumenti:-

a) Paul Vella (fol 17 u fol 32 et seq ibid) bhala direttur tas-socjeta' attrici spjega li x-xoghol in esami kien jinvolvi it-twaqqiegh ta' bini u skavar ta' blat. Meta dan l-appalt, kollu kemm hu kien gie kompletat u wara li nhareg fis-26 ta' April 2002 il-kont finali ammontanti ghal Lm28,000 dan l-ammont kien filfatt gie mhallas mis-socjeta' konvenuta hlief ghal 10% ammontanti ghal madwar Lm2,800 liema ammont gie deskritt mix-xhud bhala 'retention' u li kellu jithallas sena' wara izda dan il-pagament ma sarx. Sussegwentement aktarx fl-2004, l-istess socjeta' attrici kienet giet inkarigata sabiex tesegwixxi xoghol iehor ta' twaqqiegh fl-istess post izda '… in rigward sidien

differenti’ peress li s-sit involut ossija lukanda, “… kienet inbieghet ‘in parte’ “. Fl-istess sit, kien instab tank mimli ‘diesel’ u in rigward dan, qabel ma beda jintuza mill-istess socjeta’ attrici, kien ghamel telefonata ‘…lil xi hadd mill-lukanda’, liema persuna ‘… kien tas-sidien originali ta’ dik il-parti li konna qeghdin nwaqqghu jigifieri tas-socjeta’ konvenuta’. Peress li din il-persuna talbet hlas ghall-istess ‘diesel’, kienu innegozjaw il-prezz u x-xhud issugerixxa li tinhareg ‘credit note’ fuq il-prezz miftiehem ta’ Lm800. Din il-‘credit note’ inharget fit-30 ta’ Marzu 2005 (ara d-dokument a fol 20 tal-atti) mahruga ghall-attenzjoni ta’ Ivan Borg. Jekk wiehed jara l-‘statement’ a fol 21 ibid, jista’ jigi kostatat illi l-ammont specifikat ta’ Lm800 gie imnaqqas mr-‘retention fee’ hawn fuq imsemmija. Sussegwentement giet presentata u esebita kopja tal-ittra ufficjali msemmija fl-istess rikors, datata l-15 ta’ Gunju 2006 u notifikata fl-17 ta’ Gunju 2006 bir-risposta relattiva datata l-20 ta’ Lulju 2006 a fol 30 u li fiha jinghad illi l-ammont pretiz gie respint ‘stante preskrizzjoni’ u ‘ ….. il-kumpanija mittenti m’ghandha taghti xejn lill-kumpanija intimata’.

Inoltre, ix-xhud esebixxa korrispondenza ‘in materia’ (fol 34 u fol 35). Fit-tieni ittra, ffirmata mill-Perit Keith Cole, jinghad illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici ma hux ser jithallas minhabba li s-socjeta’ attrici, kienet halliet ‘in site’ hafna materjal skavat u tnehha a spejjes tas-socjeta’ konvenuta. L-ahhar ittra hi datata l-4 ta’ Frar 2004 (ara ukoll ghal kull bon fini fol 36 u fol 37 et tal-istess atti).

Illi l-imsemmi Ivan Borg Ferrando (fol 39 et seq ibid) spjega li kien il-‘general manager’ tal-lukanda involut. U kkonferma li kien tkellem mas-socjeta’ attrici dwar id-‘diesel’ imsemmi u fil-fatt kien ix-xhud stess li avvicina lil Paul Vella sabiex jara jekk is-socjeta’ attrici kienitx interessata li tixtri t-tank bil-kontenut tieghu. Difatti, fuq it-telefon kien intlahaq ftehim fuq il-prezz ta’ Lm800. Dwar il-‘credit note’ imsemmija, hu qatt ma kien raha izda’ sirt naf biha xi zmien wara’ f’madwar it-30 ta’ Marzu 2005. Hu spejga illi dan il-ftehim kein jaqa’ fil-funzjonijiet tieghu bhala ‘general manager’ u fil-fatt meta informa lid-direttur dwar l-imsemmi ftehim u kienet instabet l-istess ‘credit

note’ huma qalulu ‘well done’ waqt li qal ukoll, fil-kontro esami illi “Jiena qatt ma semmejt lis-Sur Paul Vella li setgha johrog ‘credit note’” .

Illi Frank Camilleri (fol 52 et seq ibid) spjega kif kien involut, bhala kontrollur finanzjaru mas-socjeta’ konvenuta u, li fil-post li twaqqa kien hemm certu volum ta’ ‘diesel’. Dwar il-bejgh tal-istess ‘fuel’, hu kkonferma illi s-socjeta’ attrici “wara xi ftit gimghat” kienet irceviet ‘credit note’”. Pero meta kien assuma l-kawza msemmija, hu kien ra li “Fil-kotba taghna ma kien hemm l-ebda bilanc dovut filfatt lis-socjeta’ attrici” izda kompla jghid illi “meta nharget din il-‘credit note’ jidher li, ghalhekk, fi kliemu stess ‘kien hemm xi haga qabel’ “.

Inoltre, waqt laqgha ma Michael Soler, direttur tas-socjeta’ konvenuta, hu kien staqsa, presenti x-xhud, Ivan Borg Ferrando, lill-istess direttur “x’inhi” b’referenza ghall-istess “credit note” u Michael Soler kien wiegeb li “... seta’ kien hemm ‘claim’ antika”. Pero hu ma kien jaf b’hadd, da parti tas-socjeta’ konvenuta li seta awtorizza ossija accetta li tinhareg, favor is-socjeta’ konvenuta tali “credit note” (ara ukoll ix-xhieda ta’ Mary Vella a fol 57 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta’ konvenuta pproduciet bhala xhud, lil Michael Soler (fol 61 et seq ibid) u dan xehed li s-socjeta attrici kienet ikkompletat ix-xoghol moghti lilha u kienet thallset kollox ghal dan l-appalt. Hu semma’ li kien inbiegh xi ‘fuel’ lil xi hadd (‘pero ma nafx lil min’) u wara certu zmien, kien gie informat minn Frank Camilleri illi kien ircieva ‘credit note’ u meta irrealizza illi din kienet tirreferi ghall-istess ‘fuel’, hu kien qal lil Frank Camilleri ‘… sabiex ma jirrikonoxxiex dik il-credit note’. Dwar l-istess dokument, hu qal ukoll illi s-socjeta’ konvenuta ma tiehux passi legali bhala ‘policy’ taghha in rigward krediti dovuti lilha u li jkun inqas minn Lm2000.

In kontro esami, hu sahaq illi meta s-socjeta’ konvenuta ircievet ‘statement’ dwar l-ammont allegatament dovut lis-socjeta’ attrici, hu kien inkariga lil Perit sabiex jispjega ‘…

il-ghala l-ammont ma kienx dovut' ossija li parti mill-materjal skavat ma kienx tnehha mill-post. Dwar din il-kwistjoni kollha "Qatt ma ghamilna xi 'query' ma Ballut Blocks meta konna nircevu 'statements' bis-'set off' ……".

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili jghid illi l-azzjonijiet tal-persuni hemm imsemmija fosthom kuntratturi tax-xogholijiet hemm indikati, huma preskritti bit-trapass ta' sentejn u fil-fatt ma giex kontestat illi dan l-artikolu jista' japplika ghal kaz in desamina. Pero s-socjeta' attrici tikkontendi illi f'dan il-kaz japplikaw l-artikolu 2108(2) u 2109 tal-istess Kodici dwar rinunzja ta' preskrizzjoni li di gja ddekorriet.

Ikkunsidrat

Illi din il-kwistjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti tinvolvi s-segwenti:-

a) L-ewwel ghandu jigi deciz jekk filfatt, f'dan il-kaz, jista jinghad li tesisti tpacija skond l-artikolu 1196 et seq tal-Kodici Civili. Hawnhekk jinghad illi dan il-mezz ta' pagament jesisti meta zewg persuni, anke legali u mhux biss naturali, huma debituri ta' xulxin jekk id-djun jesisti fl-istess zmien. Inoltre d-djun ghandu jkollhom bhala oggett somma flus jew kwantita determinati ta' hwejjeg fungibbli tal-istess speci u li jkun likwidu ossija cert f'dik li hi kwantita u jistghu jintalbu. Fil-kaz in desamina, is-socjeta' attrici kienet xtrat kwantita ta' 'fuel' bil-prezz miftiehem ta' Lm800. Dwar dan id-dejn is-socjeta attrici kienet harget 'credit note' favur dik konvenuta u, fuq bazi ta' probabilita jidher li din giet accettata, b'mod tacitu, mill-istess socjeta' konvenuta. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Ivan Borg Ferrando, Frank Camilleri u Michael Soler kif hawn fuq citata. Difatti dan tal-ahhar, b'mod esplicitu kien iddikjara illi qatt ma saret xi kontestazzjoni meta is-socjeta' konvenuta kienet tircievi "statements " "… bis-'set off'.

Ghalhekk, f'dan il-kaz, fuq bazi ta' probabilita jidher li s-socjeta' konvenuta kienet accettat illi ssir tpacija kif hawn fuq premess.

b) Ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li l-perjodu ta' preskrizzjoni f'dan il-kaz, kien skada. Pero is-socjeta' attrici tikkontendi ilil l-istess tpacija tammonta ghal renunzja tal-preskrizzjoni. Hawnhekk issir referenza ghall-artikoli, gja imsemmija tal-Kodici Civili ossija l-artikolu 2108(2) u 2109. li jghidu li jista' jkun hemm renunzja ta' preskrizzjoni li di gja skadiet, liema renunzja tista' tkun espressa jew tacita. Fil-kaz in desamina, s-socjeta' attrici ghamlet nota ta' referenzi dwar il-kompatibilita o meno tal-eccezjoni tal-preskrizzjoni u dik tal-kompensazzjoni. F'dan il-kaz, pero is-socjeta' attrici, stess, qed tikkontendi li, kif di gja inghad, tesisti l-kumpensazzjoni ossija tpacija li avverat ruhha meta s-socjeta' konvenuta accettat il-'credit note' msemmija u ma kkontestatx 'statements' li intbaghtu lilha mis-socjeta' attrici liema 'statements' kienu juru l-ammont mitlub f'dan il-kaz wara li gie imnaqqas l-import tal-istess 'credit note', Dan ghandu jfisser illi, effettivament, saret renunzja tal-preskrizzjoni da parti tas-socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-ewwel (1) eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tordna li dan il-kaz jitkompla jinstema' sabiex jigi deciz il-meritu wara li tikkonsidra l-eccezzjonijet rimanenti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------